Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu ħalli kull persuna, mill-produtturi l-kbar sal-konsumaturi ż-żgħar, timpenja ruħha biex ma jinħeliex ikel u kulħadd ikollu aċċess għal ikel bnin.



**Qari:** *Messaġġ ta' Papa Franġisku fil-Jum Dinji tal-Ikel Ottubru 2020*

Għall-umanità, il-ġuħ mhuwiex biss traġedja, imma huwa tal-mistħija. Fil-biċċa l-kbira l-ġuħ hu kkawżat minn distribuzzjoni ħażina tal-frott li tagħti l-art, u dan minbarra nuqqas ta' investiment fis-settur tal-biedja, il-konsegwenzi tat-tibdil tal-klima u ż-żjieda tal-ġlied f'diversi nħawi tad-dinja. Min-naħa l-oħra qed jintremew tunnellati ta' ikel. Quddiem din ir-realtà, ma nistgħux nibqgħu insensittivi jew iċċassati. Aħna lkoll responsabbli.
Il-kriżi tal-lum turina li neħtieġu politika u azzjonijiet konkreti biex neqirdu mill-għeruq il-ġuħ fid-dinja. Kultant id-diskussjonijiet ideoloġiċi jbegħduna milli nilħqu dan l-għan, filwaqt li nħallu lil dawn ħutna jkomplu jmutu minħabba nuqqas ta' ikel. Taf tkun deċiżjoni kuraġġuża dik li l-flus li qed jintużaw fl-armi u fil-gwerer jintużaw biex jibnu «Fond dinji » biex jinqered il-ġuħ darba għal dejjem, u biex jgħin fl-iżvilupp tal-pajjiżi l-iktar fqar. B'dan il-mod jistgħu jiġu evitati ħafna gwerer, kif ukoll l-emigrazzjoni ta' tant minn ħutna li jitilqu lill-familji tagħhom, lid-dar tagħhom u lil pajjiżhom biex ifittxu ħajja aktar dinjituża. (cfr. Fratelli tutti , n. 189 e 262).

Mulej, inti ħlaqtna lkoll bħala familja waħda,
iżda ħafna mill-bnedmin saru wisq egoisti.
Moħħhom biss biex isibu modi
kif jagħmlu l-flus u biex jgħixu aħjar minn ħaddieħor,
bla ma jagħtu kas li hemm min qed ibati.
Mulej, hawn wisq nies fid-dinja tal-lum
li qed isofru b'mod krudili u jixtiequ li kieku jsibu mezz
kif jistgħu jissodisfaw il-ħafna bżonnijiet tagħhom, bħall-ġuħ.
Iżda, Mulej, din mhijiex ħaġa possibbli għalihom,
għax jgħixu f'pajjiżi fejn il-maġġoranza taħseb għaliha nnifsha,
jew għax f'pajjiżhom hemm il-ġuħ jew il-gwerra.

Bil-kemm titwemmen, Mulej, li llum hawn tant pajjiżi
fejn il-ġuħ u n-nuqqas ta' ikel huma tant mifruxa.
U l-ħasra hi li *l-art tipproduċi ikel biżżejjed għall-bnedmin kollha,*
*iżda minkejja l-impenn internazzjonali biex jitqassam b'ġustizzja,*
*sfortunatament bosta foqra fid-dinja*
*għadhom mingħajr "il-ħobżna ta' kuljum".* *(Papa Leone)*
Mulej, kemm jinħela u jintrema ikel fid-dinja!
Għinna, Mulej, sabiex insibu mezzi kif nistgħu nevitaw ir-rimi
u fl-istess ħin ngħinu lil min jeħtieġ l-ikel.
Agħtina l-għajnuna, Mulej, sabiex innaqqsu din l-inugwaljanza.
Agħtina d-dehen biex nifhmu li, mhux biss inkunu qed niffrankaw il-flus,
imma nkunu qed ngħinu biex jitnaqqas il-ġuħ fid-dinja
u fl-istess ħin inkunu qed ngħinu sabiex nipproteġu l-pjaneta tagħna.
Imliena bil-kuraġġ biex ma nkunux egoisti
u naħsbu biss fina nfusna, iżda biex nagħrfu li
ħafna minn dawk li qed ibatu l-ġuħ
ma jistgħux jaslu waħedhom
biex isolvu l-problema ta' nuqqas ta' ikel.
Mulej, nixtieq li t-talba li biha l-Papa Franġisku
kien għalaq l-ittra enċiklika tiegħu *Frattelli Tutti,*
tkun it-talba tagħna wkoll.

*Mulej u Missier tal-umanità,*
*li ħlaqt lill-bnedmin kollha bl-istess dinjità,*
*sawwab fi qlubna spirtu ta' aħwa.*
*Nebbaħ fina l-ħolma ta' laqgħa ġdida,*
*ta' djalogu, ta' ġustizzja u ta' paċi.*
*Ħeġġiġna biex noħolqu soċjetajiet iktar b'saħħithom*
*u dinja iżjed xierqa,*
*fejn ma jkunx hemm ġuħ, faqar, vjolenza, gwerer.*
*Ħa tinfetaħ qalbna*
*għall-popli u n-nazzjonijiet kollha tal-art,*
*biex nagħrfu t-tjieba u l-ġmiel*
*li inti żrajt f'kull wieħed u waħda minnhom,*
*biex ninsġu rabtiet ta' għaqda,*
*ta' proġetti komuni, ta' tamiet maqsuma flimkien.   Ammen.*

**KANT**

**Qari**: *Messaġġ ta" Papa Leone lill-parteċipanti fil-konferenza tal- Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħuda għall-Ikel u l-Agrikoltura - Lulju 2025.*

Il-Knisja tinkoraġġixxi l-inizjattivi kollha li jimmiraw li jġibu fi tmiemu l-iskandlu tal-ġuħ fid-dinja, u li jagħmlu tagħhom is-sentimenti tal-Mulej Ġesù illi, kif jirrakkuntaw l-Evanġelji, meta ra folla kbira tersaq lejh biex tisma' kelmtu, qabel kollox ħa ħsieb jagħtihom jieklu u talab lid-dixxipli jitgħabbew bil-problema, waqt li bierek bl-abbundanza l-isforz li għamlu (cfr Ġw 6,1-13). Madankollu, meta naqraw ir-rakkont ta' dak li soltu nsejħulu "il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut" (cfr. Mt 14, 13-21; Mk 6, 30-44; Lq 9, 12-17; Ġw 6, 1-13), nindunaw li l-veru miraklu li għamel Kristu kien li juri li l-mod biex jingħeleb il-ġuħ aktar jinsab fil-kondiviżjoni milli f'ħażna miksuba bir-regħba. Ħaġa li donnu llum insejnieha, għax minkejja li saru passi importanti, is-sitwazzjoni tal-ikel fid-dinja baqgħet dejjem teħżien, u dan juri li qed isir dejjem aktar improbabbli li l-aġenda 2030 "Ġuħ xejn" tilħaq l-għan tagħha. Ifisser li għadna 'l bogħod milli nilħqu l-miri li fl-1945 kienu taw bidu lil din l-istituzzjoni inter-governattiva.

Mulej, nixtieq nirringrazzajk talli, permezz
ta' dan ir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż u tal-ħut,
int għallimtna li, kif qal Papa Leone fil-Kamerun,
il-veru miraklu jseħħ fil-qsim.
Bħalma kien hemm ħobż għal kulħadd,
hekk ukoll fid-dinja tal-lum, *hemm ħobż għal kulħadd*
*jekk naqbduh mhux b'id li taħtaf, imma b'id li tagħti.*
Għinna, Mulej, sabiex nifhmu *li l-mod biex jingħeleb il-ġuħ*
*aktar jinsab fil-kondiviżjoni, milli f'ħażna miksuba bir-regħba.*
Biddel, nitolbuk, il-qalb ta' min jistagħna minn fuq dahar il-fqir,
ta' min jaħli u jarmi l-ikel, minkejja li d-dinja
tipproduċi ikel għal kulħadd.
Kemm hi kiefra, Mulej, li ħafna mill-ikel jintrema,
u li l-bidwi li jkun tant ħadem, ma jitħallasx ta' xogħlu.
Agħtina d-dehen, Mulej, sabiex nifhmu u nagħmlu xi ħaġa konkreta,
sabiex ikel li jkun għadu tajjeb biex jittiekel, ma jintremiex.

Għinna biex nirrealizzaw li hemm ħafna persuni
li jridu jittallbu biex jitrejqu,
u ħafna drabi jkollhom jorqdu bil-ġuħ.
Nitolbuk, Mulej, agħtina l-grazzja sabiex il-produtturi l-kbar,
il-bejjiegħa, kif ukoll aħna l-konsumaturi
nimpenjaw ruħna biex ma jinħeliex ikel
u kulħadd ikollu aċċess għal ikel bnin.
Agħti d-dehen lill-bniedem, nitolbuk, Mulej,
sabiex isib mezz ħalli l-frott tal-art
jitqassam b'mod ġust u biex jinvesti iktar fis-settur tal-biedja
u ma jeqridx l-art tal-biedja f'bini bla rażan.
Mulej, agħmilna kapaċi niskopru l-bżonnijiet
ta' ħutna li qed ibatu l-ġuħ,
jew li jkollhom jittallbu għax qed jgħixu l-ħajja tagħhom fil-faqar.
Għinna sabiex infittxu l-hena u l-ġid ta' kulħadd,
għax inti ħlaqtna biex inkunu familja waħda magħquda,
li tieħu ħsieb il-membri kollha tagħha.
Agħti d-dehen lill-mexxejja tal-pajjiżi sinjuri
sabiex ma joħolqux kriżijiet u gwerer
li jġibu l-mewt bil-ġuħ, kif ukoll bl-armamenti,
lil tant nies, fosthom nisa, tfal u anzjani,.

**KANT**

## Nitolbu flimkien

Mulej, nitolbuk sabiex tgħinna napprezzaw lil dawk li jaħdmu biex ikabbru l-frott u jrabbu l-bhejjem li nieklu. Agħmel li huma wkoll ikollhom qligħ diċenti għall-ħidma tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Missier, aħfrilna meta ma napprezzawx biżżejjed ir-riżorsi li tagħtina n-natura. Għinna nsibu soluzzjonijiet prattiċi biex niżguraw li n-nies kollha tad-dinja jkollhom biżżejjed x'jieklu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, agħti d-dehen lill-mexxejja li joħolqu kunflitti sabiex il-ġuħ ma jkomplix jintuża minnhom b'mod oxxen bħala arma tal-gwerra. Iftħilhom qalbhom ħalli jagħrfu li toqtol bil-ġuħ popolazzjoni mhux mod ġust biex tagħmel u tirbaħ gwerra.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, illum, kif qal Papa Leone, il-biċċa l-kbira tal-kunflitti, bħal ma qed jiġri f'Gaża u fil-bqija tal-Palestina, mhix miġġielda minn eżerċti regolari imma minn gruppi ċivili armati bi ftit riżorsi. Dawn jaħarqu l-art, jisirqu l-bhejjem, iwaqqfu l-għajnuna għall-ikel, u b'hekk jikkontrollaw popolazzjonijiet sħaħ u jġibu faqar u ġuħ. Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħti l-għajnuna tiegħek lil dawn il-popli li jinsabu mgħakksin mill-ġirien tagħhom stess.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, sabiex tiftaħ għajnejn il-mexxejja tad-dinja ħalli jaħdmu flimkien biex jinvestu f'riżorsi finanzjarji u teknoloġiċi innovattivi biex jinqered darba għal dejjem il-faqar u l-ġuħ fid-dinja, minflok fil-fabbrikazzjoni u l-kummerċ tal-armi.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, għall-fehma tal-Papa għal dan ix-xahar ħalli kull persuna, mill-produtturi l-kbar sal-konsumaturi ż-żgħar, timpenja ruħha biex ma jinħeliex ikel u kulħadd ikollu aċċess għal ikel bnin.

Nitolbu... ismagħna nitolbuk Mulej.